2025/2472

5.12.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2472

tal-4 ta' Diċembru 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599 dwar Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-3 ta' Awwissu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599 ([1]), li stabbiliet Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (l-"Inizjattiva") fil-Benin u l-Ghana għal perjodu ta' sentejn mit-tnedija tagħha.

(2) Fil-25 ta' Settembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2066 ([2]), li stabbiliet l-Inizjattiva fit-Togo u l-Kosta tal-Avorju wkoll.

(3) Fil-11 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2786 ([3]) li nediet l-Inizjattiva.

(4) Fid-9 ta' Lulju 2025, fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku tal-Inizjattiva, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li jenħtieġ li l-Inizjattiva tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2027.

(5) L-Inizjattiva hija stabbilita b'pilastru ċivili u pilastru militari. Skont l-Artikolu 41(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), in-nefqa operazzjonali li tirriżulta mill-pilastru ċivili tal-Inizjattiva titħallas mill-baġit tal-Unjoni, filwaqt li n-nefqa operazzjonali li tirriżulta mill-pilastru militari tagħha titħallas mill-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 ([4]). Għalhekk, jenħtieġ li l-Inizjattiva tkun mogħnija għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2027 b'ammont ta' referenza għall-pilastru ċivili u ammont ta' referenza għall-pilastru militari.

(6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599 tiġi emendata skont dan.

(7) L-Inizjattiva ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' twaqqaf il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-TUE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599 hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-pilastru ċivili għall-perjodu mill-11 ta' Diċembru 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ta' EUR 9 676 375,90.";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1599 tat-3 ta' Awwissu 2023 dwar Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (ĠU L 196, 4.8.2023, p. 25, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1599/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2066 tal-25 ta' Settembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599 dwar Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 141, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2066/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2786 tal-11 ta' Diċembru 2023 li tniedi l-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (ĠU L, 2023/2786, 12.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2786/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/509/oj).

(2) fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-pilastru militari għall-perjodu mill-11 ta' Diċembru 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ta' EUR 10 589 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun ta' 0 % għall-impenji u 0 % għall-ħlasijiet.",

(3) l-Artikolu 22(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2027.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

T. DANIELSEN